MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2009

Talba Numru. 399/2009

Aquatess Marketing Limited
C-33435

vs

The Liquid Shop c/o Anton Abela

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta Mejju 2009, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Euro813 (tmien mija u tlettax il-ewro) jew somma verjuri rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 19 ta Novembru 2008 u ta l-ittra legali datata 9 ta Frar 2009 u bl-imghax ta 8 % fuq Euro813  (tmien mija u tlettax il-ewro) mid-19 ta Novembru 2008 sal-hlas effettiv, inkluz

Euro23.30c ta’ konsult kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-13 ta Lulju 2009, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta’ Euro813 (tmien mija u tlettax il-ewro) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-19 ta’ Novembru 2008 u bl-ispejjes kollha ta’ din l-istanza kif mitluba kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------